MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 233/2014

**M. Demajo (Timbers) Limited**

**Vs**

**Mario Mifsud**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, tmien mija, tnejn u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€5,882.25) rapprezentanti prezz ta' merkanzija, ossia injam u servizzi relatati lilu mibjugha, kkonsenjat u moghtija, kif jidher mill-prospett anness mar-rikors promotur u mmarkat Dok 'A', bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghax legali kontra l-istess socjeta' konvenuta (recte konvenut) mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, minn issa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat li fis-seduta tad-19 ta’ Jannar, 2015, il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, naqas li jidher u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta l-avukat difensur tas-socjeta attrici li fil-mori tas-smiegh ta’ din is-seduta, l-konvenut kien ghamel xi pagamenti akkont, u pprezenta nota li permezz taghha irriduca s-somma mitluba ghal tlett elef, erba’ mija u tnejn u tmenin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3482.25), oltre l-imghax u l-ispejjez kif mitluba fl-avviz.

Rat li fl-istess seduta tad-19 ta’ Jannar, 2015 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tat-2 ta’ Frar, 2015, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tlett elef, erba’ mija u tnejn u tmenin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3482.25), bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghax legali kontra l-istess konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------